# LECTIO DIVINA

# ĦADD IL-PALM (Ċ)

**Lq 19,28-40**

**Peress li din il-lectio saret fl-intern ta' ċelebrazzjoni penitenzjali hemm inklużi mistoqsijiet (fil-korsiv) biex jgħinu lis-seminarista fl-eżami tal-kuxjenza.* 

**Kif qal dan, Ġesù qabad it-triq u beda tiela' lejn Ġerusalemm, miexi quddiem l-oħrajn.**

Ġesù għadu kemm temm il-*parabbola tal-għaxar miniet* bit-twissija li «kull min għandu, jingħatalu; iżda min ma għandux, jitteħidlu saħansitra dak li għandu» (*Lq* 19:26) – id-dixxiplu hu msejjaħ sabiex ikun qaddej li għax *fidil fil-ftit*, il-Mulej *jafdah fuq ħafna*. Din il-missjoni l-qaddej iwettaqha f'oppożizzjoni mal-bqija li joboghdu lis-sultan (cfr *Lq* 19:14). B'dan l-atteġjament ta' fedeltà mgħixha bħala *passjoni*, id-dixxiplu għandu jimxi wara Kristu: Dak li *jimxi quddiem l-oħrajn* u «b'rieda sħiħa» (*Lq* 9:51) *jitla'* Ġerusalemm. Ġesù *jitla'* mill-mitejn metru taħt il-livell tal-baħar tal-Baħar tal-Gallilija għas-760 metru 'l fuq mil-livell tal-baħar ta' Ġerusalemm lejn il-post magħżul minn Alla «biex fih jgħammar ismu» (cfr *Dt* 12:11), fejn jibni mill-ġdid it-Tempju permezz tal-għotja tal-ġisem tiegħu fuq il-Kalvarju u l-qawmien tiegħu mill-imwiet (cfr *Ġw* 2:21; *Lhud* 9:24). Id-direzzjoni ta' Ġesù hija l-*imħabba għall-aħħar*, l-akbar waħda ta' min jagħti ħajtu għal ħbiebu (cfr *Ġw* 13:1 ; 15:13).

*Fejn ninsab miexi fit-triq tal-formazzjoni: wara Kristu li jimxi quddiem jew qablu minħabba li ma nafdahx? Kemm nista' ngħid li jien qaddej li ngħix is-sejħa tiegħi b'fedeltà u passjoni? X'direzzjoni qed tieħu ħajti: hija orjentata lejn l-għotja sħiħa tal-imħabba li tingħata jew għadha ssus wara mħabbiet oħra? Jien fejn sejjer eżatt…għan-niżla jew għat-telgħa?*

**U meta wasal qrib Bètfaġe u Betanja, ħdejn l-għolja li jgħidulha taż-Żebbuġ, bagħat tnejn mid-dixxipli tiegħu u qalilhom: «Morru fir-raħal ta' biswitna; kif taslu, ssibu felu marbut li ħadd qatt għadu ma rikeb fuqu. Ħolluh u ġibuh…**

Ġesù jersaq lejn Ġerusalemm mil-Lvant, minn fejn kien hemm l-għolja taż-Żebbuġ, il-post minn fejn kellu jiġi l-Messija li jgħaddi mill-Bieb ta' Lvant (cfr *Eżek* 10:18-19; 43:1-2; *Żak* 14:4). Huwa l-Messija, li jappella għad-drittijiet regali tiegħu u jesiġi li jingħatalu mezz ta' trasport: *felu* li għadu ma ntuża minn ħadd. L-annimali li ma jkunu għadhom qatt intużaw għax-xogħol – la ġarrew persuni u lanqas madmad – kienu meqjusa xierqa biex jintużaw għal skopijiet sagri (cfr *1Sam* 6:7) – għalhekk dak li jitlob il-felu huwa l-Mulej («il-Mulej għandu bżonnu» v.31; «il-Mulej jeħtieġu» v.34), aqwa u egħżeż mill-Arka tal-Patt. Id-dixxipli huma dawk li *jintbagħtu* (gr. «ἀποστέλλω» tr. *apostello*) biex iħejju t-triq għall-Mulej li jrid jidħol fit-Tempju tiegħu (cfr *Mk* 1:3).

*Ġesù Kristu hu l-Mulej, il-Messija mwiegħed – kemm hi din l-istqarrija ħajja ġewwa fija? X'adorazzjoni nagħtiH f'kull mument ta' ħajti? F'liema rokna ta' qalbi għad hemm bżonn li jidħol fiha l-Messija ħalli jsaltan? Kemm jiena qaddej li ngħix il-ħidma pastorali tiegħi bħala dik ta' min iħoll lill-persuni mill-irbit tagħhom sabiex ħielsa jaqdu lil Alla l-Ħaj?*

**Dawk li kienu mibgħuta marru u sabu kollox kif kien qalilhom. Huma u jħollu l-felu, is-sidien tiegħu qalulhom: «Għalfejn qegħdin tħolluh il-felu?» U huma wieġbu: «Għax il-Mulej jeħtieġu.»**

Dak li hu s-Sid ta' kollox (cfr *S* 24:1; 50:10-12; *Atti* 10:36) isir it-*tallab* ta' kulħadd – il-Messija *jitlob* l-ubbidjenza tal-bnedmin u l-kooperazzjoni tagħhom: «Intom tafu l-grazzja ta' Sidna Ġesù Kristu, li għad li kien għani, ftaqar minħabba fikom, sabiex intom tistagħnu permezz tal-faqar tiegħu.» (*2 Kor* 8:9). Fir-rakkonti l-oħra tas-Sinottiċi nsibu li saħansitra tingħata l-garanzija lis-sidien li l-felu ser jerġa' jingħatalhom lura (cfr *Mt* 21:2-3; *Mk* 11:3-6) – Hu ma jżomm xejn, lanqas dak li hu tiegħu bi dritt.

*Kemm jien dixxiplu tal-Messija li ftaqar? X'relazzjoni għandi mal-ġid tal-art? Kemm fil-konkret ngħix fl-għarfien li xejn ma għandi li ma ngħatalix (cfr 1Kor 4:7)? Kemm inħossni "dipendenti" mill-ħniena ta' Alla u mit-talb u l-karità ta' ħuti? Kemm ngħix il-gratitudni quddiem il-provvidenza li jurini l-Mulej?*

**Mbagħad ġiebu l-felu lil Ġesù,**

Ġesù jagħżel li jidħol Ġerusalemm riekeb fuq dak l-annimal li jixraq lis-Sultan ta' Sijon, lill-Prinċep ta' Iżrael (cfr *Ġen* 49:11; *Mħ* 5:10; 10:4; 12:14). Filwaqt li ż-żiemel huwa l-annimal tal-gwerra li l-Mulej Alla *jeqred u jwaddab fil-baħar* (cfr *Eż* 15:1) u li ma jridux joktor fl-art ta'

Iżrael (cfr *Dt* 17:6), il-*felu* huwa s-simbolu tas-sliem li fuqu jirkeb is-sultan «ġust u rebbieħ, umli» (*Żak* 9:9) li jġib il-paċi: «Hu jeqred il-karru minn Efrajm u ż-żiemel minn Ġerusalemm; jinqered il-qaws tal-gwerra. Hu jxandar il-paċi lill-ġnus... .» (*Żak* 9:10). Huwa Messija li ma jaħkimx bi vjolenza fuq il-persuni, imma hija l-persuna li tistqarru bħala l-Mulej u *tintronizzah* billi *trikkbu* fuq il-felu (cfr *1Slat* 1:33.38).

**qiegħdu l-imnatar tagħhom fuq il-felu, u rikkbu lil Ġesù fuqu. Huwa u għaddej, firxu l-imnatar tagħhom fit-triq.**

Il-«mantar» huwa simbolu tal-individwu u tal-eżistenza tiegħu. Il-frix tal-imnatar fit-triq huwa sinjal ta' qima lis-sultan (cfr *2Slat* 9:13). Filwaqt li d-dixxipli jqiegħdu l-imnatar tagħhom *fuq il-felu* – sinjal tal-adesjoni tagħhom għall-missjoni ta' Kristu – l-oħrajn jifirxu l-imnatar tagħhom *fl-art* – sinjal ta' sottomissjoni. L-istess sinjal jista' jkun ekwivoku fil-qima li qed tiġi mistqarra: hux dik lejn il-Messija tal-paċi jew lejn sultan kwalunkwe li jimxi skont il-loġika u l-politika tal-art (cfr *Ġw* 6:15; 18:33-38). Infatti dawn tal-aħħar mhux ser idumu ma' jbiddlu l-kelmiet ta' l-għajta tagħhom minn «Imbierek» għal «Sallbu» (*Lq* 23:21): «Mbagħad emmnu fi kliemu, u għana ta' tifħir għannewlu. Iżda malajr insew għemilu; mank stennew li jseħħ ħsiebu» (*S* 106:12-13).

*Għal-liema "tip" ta' Messija qiegħed nifrex (nagħti) l-eżistenza tiegħi? X'idea għandi tas-saċerdozju: ta' min hu fuq l-oħrajn jew juża lill-oħrajn għall-kumdità tiegħu jew ta' min hu qaddej ta' kulħadd, ġust u umli? Kemm jien tassew miftuħ biex il-Mulej jiffurmani skont il-Qalb tiegħu – jew xorta nibqa' mwaħħal mal-ideat tiegħi u mal-mod kif jien nifhem lil Kristu bħala Messija? Kemm inħalli l-Kelma ta' Alla u dak li jingħadli fil-formazzjoni jwaqqagħni fi kriżi sabiex il-mantar nagħraf nifirxu quddiem "it-Triq, il-Verità u l-Ħajja" (Ġw 14:6)?*

**Xħin imbagħad kien qorob lejn in-niżla tal-Għolja taż-Żebbuġ, il-kotra kollha tad-dixxipli bdiet tfaħħar lil Alla b'għajat ta' ferħ u b'leħen għoli għall-għeġubijiet kollha li raw,**

Il-korteo jersaq lejn il-Belt u quddiemu jista' jammira s-sbuħija tat-Tempju. Il-*ferħ* (gr. « χαίρω» tr. chairo) tad-dixxipli huwa dak li jiġi mill-għarfien tal-imħabba li Alla għandu għall-Poplu tiegħu: dik l-imħabba li twasslu sabiex ikun f'nofsu hekk li Ġerusalemm hija «l-għolja qaddisa tiegħu, għolja mill-isbaħ, l-għaxqa tal-art kollha» (*S* 48:2-3); huwa l-*ferħ* għall-fatt li «Alla żar il-poplu tiegħu» (*Lq* 7:16) bil-bosta mirakli u għemejjel li hu wettaq, dawk l-opri li jixhdu għalih (*Ġw* 14:11): «U mimlijin bil-għaġeb, bdew jgħidu "Kollox għamel tajjeb: jagħti s-smigħ lit-torox u l-kliem lill-imbikkmin.» (*Mk* 7:37).

*"Il-ferħ tal-Vanġelu jimla l-qalb u l-ħajja kollha ta' dawk li jiltaqgħu ma' Ġesù. Dawk li jħallu lilU jsalvahom, jinħelsu mid-dnub, min-niket, mill-vojt ġewwieni, mill-iżolament. Ma' Ġesù Kristu dejjem jitwieled u jerġa' jitwieled mill-ġdid il-ferħ" (Evangelii gaudium, 1). Nista' ngħid li "qalbi tifraħ bil-Mulej" (cfr 1Sam 2:1)? X'hemm ixekkilni milli ngħajjat bil-ferħ quddiem l-għeġubijiet tal-Mulej – forsi hemm xi ferħat fiergħa li ma jħallunix nara dak li Alla qed iwettaq f'ħajti?*

**u bdew jgħidu: «Mbierek is-Sultan li ġej f'isem il-Mulej! Sliem fis-sema u glorja fl-ogħla tas-smewwiet!»**

Huwa ċar ir-riferiment għas-Salm 118 (v.26) tal-*Hallel Eġizzjan* (*S* 113-118) li flimkien mas-salmi tal-*Hallel il-kbir* (*S* 135-136) kienu jitkantaw fl-ikla tal-Għid tal-Poplu Lhudi: huwa s-salm tal-*fiduċja f'Alla* (vv.8-9:«aħjar tistkenn fil-Mulej...»), tar-*rebħa* tiegħu kontra l-għedewwa (v.12: «f'isem il-Mulej irbaħthom») tal-*jum tas-salvazzjoni* (v.24 «dan hu l-jum li għamel il-Mulej»), tat-*tifħir lil Alla* «għaliex hu tajjeb, għax għal dejjem it-tjieba tiegħu» (vv.1.29), u li s-sens tiegħu jiddawwal bis-sħiħ fil-milja taż-żminijiet (cfr *Mt* 21:9.42; 23:39; *Atti* 4:11). Fis-Sinottiċi l-oħrajn insibu li l-folla anki tuża l-v. 25 tas-salm: «Hosanna» [*hòshi'ah-na*] = «ejja, nitolbuk, Mulej, salvana» (cfr *Mt* 21:9; *Mk* 11:9.10) li mbagħad sa mill-ewwel żminijiet il-komunità Nisranija ttennihom flimkien mal-v. 26 fiċ-ċelebrazzjoni tal-ewkaristija. Luqa x'aktarx ma jagħmilx riferiment għal v. 25 minħabba d-destinatarji tiegħu (li ġejjin mill-paganiżmu) u minflok ipoġġi fuq ilsien il-folla s-«sliem» li diġà kienu ħabbru l-anġli dakinhar tat-twelid tal-Messija mistenni (cfr *Lq* 2:14): «Kristu hu s-sliem tagħna, hu, li minna t-tnejn għamel poplu wieħed, billi ġarraf il-ħajt li kien jifridna – il-mibegħda ta' bejnietna – u ħassar bis-sagrifiċċju ta' ġismu l-Liġi bil-kmandamenti u l-preċetti tagħha» (*Efes* 2:14; cfr *Kol* 1:20).

*"Il-Knisja ssellem lill-Mulej fl-Ewkaristija Mqaddsa bħala Dak li ġej issa, li daħal f'nofsha. U fl-istess ħin isellimlu bħala Dak li jibqa' dejjem Dak-li-ġej u li jħejjina għall-miġja tiegħu. Bħala pellegrini aħna nersqu lejH; bħala pellegrin Hu jiġi jiltaqa' magħna u jseħibna fit-«tlugħ» tiegħu lejn is-salib u lejn il-qawmien, lejn il-Ġerusalemm ta' dejjem li, fil-komunjoni mal-Ġisem tiegħu, diġà qed tikber f'nofs id-dinja" (Joseph Ratzinger-Benedittu XVI). Kif ngħix iċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa ta' kuljum? Kemm inħejji ruħi biex nilqa' lil Dak li jiġi f'isem il-Mulej? Kemm hija l-għajn u l-quċċata tal-ġurnata tiegħi? Kif nista' ngħin lili nnifsi biex inkun nista' nieħu sehem ħaj («actuosa participatio») fil-quddiesa: kemm għandi "għarfien*

*[awareness] tal-misteru li qed jiġi ċċelebrat u tar-rabta tiegħu mal-ħajja ta' kuljum" (Sacramentum caritatis, 52)*?

*X'post għandu f'ħajti t-talb tas-Salmi permezz tal-Liturġija tas-Sigħat – is-Salmi li huma l-leħen ta' Kristu u t-talba tagħna lil Kristu (vox Christi – vox ad Christum)? Kemm nitlob "bil-ġabra u bil-qalb, hekk li l-moħħ ikun tassew jaqbel ma' dak li qed jgħid il-fomm" (Ordni Ġenerali tal-Liturġija tas-Sigħat, 20)?*

*Kristu hu l-paċi tagħna – fejn jiena bennej u qaddej tar-rikonċiljazzjoni jew bennej ta' ħitan diviżorji fil-komunità, fil-familja, fil-parroċċa?*

**Xi wħud mill-Fariżej li kienu qalb il-folla qalulu: «Mgħallem, ċanfarhom lid-dixxipli tiegħek!»**

Il-Fariżej jitolbu lil Ġesù jiċħad it-titli li qed jiġu attribwiti lilu – huma x'aktarx jibżgħu li din tiegħu hi "ġennata" li ser tirrita lir-Rumani u jeqirdu t-tempju kif ukoll lill-poplu kollu (cfr *Ġw* 11:48). Hija l-iskumdità ta' min jippreferi ma jilqax il-verità akkost li jibqa' f'*kompromess komdu* ma' min hu setgħan politikament. Huma kienu tassew jistkennu fil-kbarat aktar milli fil-Mulej (cfr *S* 118:9). Għalihom u għal dawk li huma bħalhom t-twissija: «Nies adulteri! Ma tafux li l-ħbiberija mad-dinja hija l-għadu ta' Alla? Min mela jrid isir ħabib tad-dinja huwa għadu ta' Alla» (*Ġak* 4:4). Minħabba fir-rabta tagħhom mal-pożizzjoni li għandhom isiru *uċuħ b'oħra* li *jagħqlu s-Saltna tas-smewwiet għall-bnedmin* u la huma ma jidħlu u lanqas iħallu lil ħaddieħor li jkun irid jidħol (cfr *Mt* 23:13). Kif ħabbar Isaija: «Mulej, għollejt idek, u huma ma rawhiex. Ħa jaraw il-ħeġġa tiegħek għall-poplu u jistħu» (*Is* 26:11).

**Iżda hu weġibhom u qal: «Ngħidilkom li, jekk jisktu huma, jgħajjat il-ġebel.»**

Bħall-*ġebel* li jgħajjat bi protesta kontra Babilonja (cfr *Ħab* 2:11), hekk il-ġebel jgħajjat u jċanfar lil min irid isikket lill-folla fit-tifħir tagħha lil Mulej. Hu l-istess *ġebel* li "jgħajjat" bi protesta kontra pretensjonijiet ta' elitiżmu reliġjuż («...ngħidilkom li Alla, minn dan l-istess ġebel, jista' jqajjem ulied lil Abraham» *Lq* 3:8), li "jgħajjat" kontra t-tentazzjoni li l-bniedem jagħmel lil żaqqu l-alla tiegħu (cfr *Lq* 4:3), u li "jgħajjat" kontra min jibni ħajtu u jadura l-opri ta' jdejh (cfr *Lq* 21:5). Il-kwistjoni mhijiex jekk Ġesù huwiex il-Messija jew le għax dan ħadd u xejn ma jista jiċħdu u jekk ma jfaħħruhx il-bnedmin, ifaħħru saħansitra l-ġebel; iżda l-mistoqsija hi jekk il-bniedem hux ħa jingħaqad ma' din il-purċissjoni trijonfali tal-Messija lejn

il-passjoni, mewt u qawmien tiegħu mill-imwiet jew hux ser jibqa' maqful fid-dnub tiegħu 'il barra mit-triq tas-salvazzjoni.

*Kemm ngħasses fuqi nnifsi kontra l-"mondanità spiritwali" b'qoxra ta' spiritwalità li tgħatti qalb li għadha ħafna tal-«bniedem il-qadim»? X'inhuma l-"kompromessi komdi" mal-mentalità ta' żmienna, ma' sħabi, mal-istil ta' ħajja tiegħi li fihom naqa' hekk li nagħlaq qalbi u ħajti għal Kristu? Quddiem Kristu dieħel Ġerusalemm biex jagħti ħajtu għall-bnedmin x'ser nagħmel: ħa nissieħeb miegħu jew ħa nfittex nibqa' spettatur tul il-Ġimgħa Mqaddsa? X'impenji ħa nieħu (fil-programm tat-talb persunali tiegħi) biex ngħix tajjeb il-jiem tal-irtir u t-Tridu Mqaddes tal-Għid?*